**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 27 ta' Settembru, 2017**

**Talba Nru: 295/2017PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Scott Chloe Anne Louise (60900(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin euro u tlieta u ghoxrin centezmi (€428.23) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40494298 bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1044/16 u bl-imghaxijiet legali sa mit-8 ta' Gunju, 2016 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-istess konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluza kopja tal-ittra ufficjali surreferita.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ra li permezz ta' nota imressqa mir-rapprezentat legali tas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici cediet l-kawza limitatament fir-rigward tas-sorte stante hlas fil-mori filwaqt li zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici salv illi halset biss l-ammont mitlub.

Illi mix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici jirrizulta li madanakollu l-intimata ma hallsitx la l-ispejjez tal-proceduri odjerni u lanqas dawk koncernanti l-ittra ufficjali imsemmija u lanqas l-imghaxijiet legali.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat li, wara l-pagament tal-ammont mitlub fil-mori, l-intimata ghadha debitrici tas-socjeta` attrici ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u wkoll dawk koncernanti l-ittra ufficjali imsemmija u ghall-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-ittra ufficjali surreferita li tinsab debitament notifikata lill-intimata.

Illi madanakollu f'dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax ma jinnutax ukoll illi, kif jirrizulta car mill-kopja tal-ittra ufficjali numru 1044/2016 (fol. 6 tal-process) mahruga kontra l-istess intimata a tenur tal-art. 166A tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili,** tali ittra giet notifikata lill-intimata. Mill-atti ezebiti ma jidhirx li tali ittra giet

kontestata mill-intimata u kwindi fir-rigward taghha ghandu japplika l-art. 166A(4) tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** li jipprovdi espressament:

> *Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).*

Illi l-art 253(a) tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** jirreferi ghal "*sentenzi u digrieti tal-qrati tal-gustizzja ta' Malta*".

Illi fil-kaz odjern is-socjeta` attrici ma offriet l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn ghazlet li tipprocedi wkoll permezz tal-kawza odjerna minkejja li l-ittra ufficjali surreferita jirrizulta li giet debitament notifikata lill-intimata u mhux opposta minnha. Jirrizulta wkoll li l-kawza odjerna kienet tinkludi l-kontijiet dovuti mill-intimata mill-1 ta' Novembru, 2014 fir-rigward tal-kont numru 40494298 mertu wkoll tal-imsemmija ittra ufficjali.

Illi allura jidher car li, minkejja li s-socjeta` attrici kienet diga` provvista minn titolu ezekuttiv a tenur tal-art 166(4) hawn fuq sopra citat, dehrilha li setghet jew kellha tipprocedi wkoll permezz tal-proceduri odjerni, Irid jinghad li kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici l-obbligu li timminimizza kemm jista' jkun id-dannu kawzat lilha mill-inadempjenza tal-intimata billi tevita d-dupplikazzjoni ta' proceduri fir-rigward tal-istess mertu. Il-fatt li l-intimata ma hallsitx l-ammont mitlub minnha permezz tal-ittra ufficjali sa qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri xejn ma jbiddel mill-fatt illi, anke f'dak l-istadju, is-socjeta` attrici kienet diga` fil-pussess ta' titolu ezekuttiv ai fini tal-ligi li seta'

jigi liberament enfurzat minnha minghajr il-htiega li tigi intavolata l-kawza odjerna bi spejjez ulterjuri.

Illi in vista tas-surreferit it-Tribunal ihoss li m'huwiex opportun illi l-intimata tigi kostretta thallas l-ispejjez ta' din il-kawza imma biss dawk koncernanti l-ittra ufficjali numru 1044/2016 mahruga a tenur tal-art. 166A tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** flimkien mal-imghaxijiet dovuti fuq is-sorte mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ghaldaqstant it-Tribunal jasteni milli jiehu konjizzjoni tat-talba attrici fir-rigward tal-ammont mitlub stante pagament mill-intimata fil-mori u c-cessjoni relattiva. Fir-rigward tal-ispejjez, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, l-intimata ghandha thallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 1044/2016 mahruga taht l-art. 166A tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) filwaqt li s-socjeta` attrici ghandha tissaporti hija stess l-ispejjez inkorsi minnha fil-kawza ojderna, bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Gunju, 2016 fuq is-sorte mhallsa jibqghu dovuti wkoll mill-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**